

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Talbiet Żgħar](#) > [Spain](#)

Talbiet Żgħar

Spanja



Spanja

SIB QRATI/AWTORITAJIET KOMPETENTI

L-għodda ta' tiftix hawn taħt se tgħinek tidentifika qorti/qrati jew awtorità(jiet) kompetenti għal strument legali Ewropew speċifiku. Jekk jogħġbok innota li għalkemm sar kull sforz biex tiġi aċċertata l-preċiżjoni tar-riżultati, jista' jkun hemm xi każijiet eċċezzjonali li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' kompetenza li mhumiex neċessarjament koperti.

Artikolu 25 1 (a) Il-qrati kompetenti

Il-Qorti tal-Prim'Istanza (*juzgado de primera instancia*) u l-Qorti Kummerċjali (*juzgado de lo mercantil*) kif stabbiliti fl-Artikolu 86b(2) tal-Liġi Organika ta' Spanja dwar il-Ġudikatura (*Ley Orgánica del Poder Judicial*), b'mod partikolari għal każijiet fejn it-talba tkun marbuta ma' pretensjoni li tirriżulta minn kuntratt ta' trasport.

Artikolu 25 1 (b) Mezzi ta' komunikazzjoni

Minbarra s-sottomissjonijiet personalment quddiem il-qorti kompetenti u sottomissjonijiet bil-posta, il-qrati Spanjoli jippermettu wkoll t-tressiq ta' talbiet permezz tas-Sede Ġudizzjarji Elettroniċi (*sedes judiciales electrónicas*) tal-awtoritajiet responsabbli għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Artikolu 25 1 (c) Awtoritajiet jew organizzazzjonijiet li jipprovdu assistenza Prattika

Il-partijiet jistgħu jiksbu għajjnuna Prattika biex jimlew il-formoli, jew isiru jafu aktar dwar il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u l-korpi kompetenti biex joħorġu sentenza, mill-uffiċċji ta' konsulenza għaċ-ċittadini elenkati mill-qrati.

Huwa pprovdut servizz ta' pariri tekniċi għas-sottomissjoni ta' talbiet permezz ta' Sede Ġudizzjarja Elettronika.

Artikolu 25 1 (d) Mezzi ta' notifika u komunikazzjoni elettroniċi u metodi biex wieħed jagħti l-kunsens tiegħu għalihom

Permezz tas-Sede Ġudizzjarja Elettronika.

L-Artikolu 25 1(e) Persuni jew professjonijiet, obbligati jaċċettaw in-notifika ta' dokumenti jew komunikazzjonijiet oħrajn bil-miktub permezz ta' mezzi elettroniċi

Il-partijiet li ġejjin iridu jużaw mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni mal-qrati:

- a) Persuni ġuridiċi
- b) Entitajiet mingħajr personalità ġuridika
- ċ) Professjonisti li jaħdmu f'oqsma li jeħtieġu reġistrazzjoni f'organizzazzjoni professjonali għal kull formalità u

azzjoni mwettqa minnhom flimkien mas-Servizz tal-Qrati meta jeżerċitaw l-attivitajiet professjonali tagħhom

d) In-nutara u r-reġistraturi

e) Ir-rappreżentanti ta' parti interessata li jrid ikollhom negozjati elettroniċi mas-Servizz tal-Qrati

f) Uffiċjali ta' amministrazzjoni pubblika għal kwalunkwe azzjoni u pass imwettaq minnhom minħabba l-kariga tagħhom.

Artikolu 25 1 (f) Tariffi tal-qorti u l-metodi tal-ħlas

Il-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar mhix soġġetta għal tariffa tal-qorti.

Artikolu 25 1 (g) Il-proċedura tal-appell u l-qrati kompetenti għal appell

L-ebda appell ma jista' jitressaq għal talbiet żgħar ta' anqas minn EUR 3 000.

Għal talbiet bejn EUR 3 000 u EUR 5 000, appell jista' jitressaq quddiem il-qorti li tkun ħarġet is-sentenza inizjali, li tiegħu deċiżjoni dwar l-ammissibilità u r-rinviju tagħhom għall-ġudizzju lill-Qorti Provinċjali (*Audiencia Provincial*). L-iskadenza għal appell huwa ta' 20 jum ta' xogħol mill-jum ta' wara d-data tan-notifika tas-sentenza.

Artikolu 25 1 (h) Rieżami tal-proċedura tas-sentenza u l-qrati kompetenti biex jagħmlu dan ir-rieżami

L-appell irid jiġi ppreżentat skont il-proċeduri għal proċedimenti ordinarji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Spanjola.

Artikolu 25 1 (i) Lingwi aċċettati

Spanjol, Inġliż.

L-Artikolu 25 1 (j) L-awtoritajiet kompetenti mill-eżekuzzjoni

Il-Qorti tal-Prim'Istanza u l-Qorti tal-Kummerċ, kif stabbilit fl-Artikolu 86b(2) tal-Liġi Organika ta' Spanja dwar il-Ġudikatura (b'mod partikolari għal każijiet fejn it-talba tkun marbuta ma' pretensjoni li tirriżulta minn kuntratt ta' trasport).

■ L-aħħar aġġornament: 26/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.